# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru. 191/21 MH**

**Illum, 10 ta' Marzu, 2023**

**Christopher Pace (K.I. nru. 543765M) f'ismu**

**Propju u bħala direttur għan-nom u**

**Rappresentanza tas-soċjeta' Pace Investments Limited.**

**vs**

**Raymond sive Ramon Anastasi (K.I. nru. 736353M) U**

**D Works Group Limited (C-56407)**

**Il-Qorti.**

Rat ir-rikors1 tal-konvenuti Raymond sive Ramon Anastasi u ta' D Works Group Limited fejn in succint qed jitolbu permess li jappellaw minn "sentenza" mogħtija ..minn din il-Qorti fejn ma laqgħetx il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ta' Raymond sive Ramon Anastasi., konsegwentement għax il-konvenut ħassu aggravat b'tali deċiżjoni ntavola rikors ai termini ta' l-artikolu 231(1) tal-Kap 12 biex jkun jista'jressaq appelll minn tali deċiżjoni.

Ir-risposta għal-istess rikors ta'l-attur Pace pro et. noe kienet oppositorja fis-sens lid-deċiżjoni kkontestata fejn ġie miċħuda il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ma kientx fiin-natura ta' sentenza preliminari iżda diġiet interlokutorju bil-konsegwenza lir-rikors in deżamina kellu jiġi intavolat fi żmien għaxrt'ijiem

[1] Folio 58

minn meta d-digriet jinqara bil-miftuħ ai terminu ta' l-artikolu 229 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet it-trattazzjonijiet

**Ikkunsidrat**

In tematika l-Qorti se tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Samchrome FZE soċjeta' estera vs Danko Koncar et.2 fejn intqal hekk fir-rigward3;

"Kif inghad, l-appellat nomine qed jeccepixxi li l-appell gie intavolat 'fuori termine' ghaliex ghalkemm l-appellanti talbet il-permess biex tappella u dan gie moghti kif imsemmi, peress li din kienet sentenza u mhux digriet, il-parti telliefa ma kellhiex bzonn titlob il-permess biex tappella u allura l-ghoxrin gurnata bdew jiddekorru mid-data tal-istess sentenza – kwindi abbundantament aktar minn ghoxrin gurnata qabel sar l-appell; jew alternattivament fl-aktar ipotesi favorevoli ghal appellant, it-talba biex isir l-appell kellha issir mhux aktar minn sitt ijiem wara.

Huwa evidenti li jekk din il-Qorti tilqa' din il-pregudizzjali, hija tieqaf mid deliberazzjonijiet taghha. L-appellat nomine qed isejjes l-posizzjoni tieghu principalment fuq l-Artiklu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jsostni li l-provvediment li qed isir appell minnu mhuwiex digriet izda sentenza; dan is-subinciz jghid hekk;

"(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata ssentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell

---

2 11 ta' Marzu, 2016 rikors numru 842/14JZM

3 **Għalkemm l-appell kien jitratta dwar appell intavolat fouri termine.**

għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak lappell."

L-appellat nomine jkompli jghid illi allura huwa applikabbli l-Artiklu 231; dan infatti jipprovdi hekk:

"(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara ssentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell: Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata ssentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jigi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh."

L-appellat jghid fir-risposta tieghu li t-talba ta' Dr Micallef saret wara s-sitt ijiem indikati minn dan l-artiklu (fis-7 ta' Mejju 2015 meta d-decizjoni inghatat fit-30 ta' April 2015) u allura l-procedura kollha li adotta hija irrita u nulla. Jekk l-appellat ghandu ragun u d-decizjoni in kwistjoni hija sentenza u mhux digriet ma hemmx dubbju li r-rikors allura sar tardivament ghaliex is-sitt ijiem ghaddew gurnata qabel ma gie prezentat ir-rikors.

Din il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza fir-rigward u apparti xi sentenza sporadika, jidher li huwa tista' tghid pacifiku li decizjoni dwar jekk il konvenut ghandux jisporga l-kontumacja tieghu hija sentenza u mhux digriet.

Fis-sentenza fl-ismijiet Patrick Buttigieg v. Clifton Barbara deciza fis6 ta' Ottubru 2010 il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri (PS) qalet hekk;

"1. Fl-ewwel lok, nonostante li t-Tribunal isejjahlu "digriet", rettament u proceduralment il-provvediment li jkun iddetermina l-istat kontumacjali ta' l-imharrek huwa veru u proprju sentenza, u mhux semplici digriet.

Ara "Alfred Gatt nomine -vs- Salvino Sullivan et nomine", Appell Kummercjali, 27 ta' April, 1987 u "Pullicino nomine -vs- Mifsud nomine", Appell Kummercjali, 29 ta' Frar, 1984;

"2. Il-ligi tal-procedura tesigi, ex-Artikolu 231 (1) tal-Kapitolu 12 illi "jekk diversi kwestjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghaddi mill-jum li tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell";"

Din il-Qorti fl-20 ta' Jannar 1986 fis-sentenza fl-ismijiet Mizzi nomine v. Navarro qalet illi d-decizjoni li biha l-Qorti tiddikjara li l-konvenut ma iggusitifkax il-kontumacja tieghu "ma tistax tigi ikkunsidrata bhal semplici digriet interlokutorju … imma bhala veru u propjra sentenza li minnha jsir appell bil-procedura tan-nota u l-petizzjoni ta' l-appell" (naturalment illum bir-rikors tal-appell). Madankollu forsi l-aktar pronunzjament car dwar kaz bhal dan huwa fis-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-3 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet Carmelo Galea v. Olga Agius et, fejn il-Qorti qalet;

"Issa, ma hemmx dubbju li d-decizjoni appellata hija sentenza u mhux digriet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta' Jannar, 1986 fil-kawza flismijiet Albert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro, decizjoni ta' Qorti ta' l-ewwel grad dwar il-gustifikazzjoni o meno tal-kontumacja mhix semplici digriet interlokutorju, izda sentenza vera u proprja. Bhala tali – u indipendentement mill-Artikolu 231(1) – ir-rikors ta' appell kellu jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mid-data ta' dik is-sentenza – Artikolu 226 (1), Kap. 12. F'kaz fejn ikun hemm bzonn il-permess skont l-Art. 231(1), xorta wahda l-appell irid jigi prezentat fi zmien ghoxrin gurnata middata tas-sentenza – ara f'dan ir-rigward Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George noe v. Joseph Vella Galea et - Qorti ta' l-Appell, 16 ta' Dicembru, 2003" (Kien sar intervent legislattiv ftit wara din is-sentenza u allura s-sitwazzjoni tbiddlet fir-rigward tal-ahhar parti ta' dan il-bran) "

Ikkunsidrat ulterjorment

Huwa bla dubbju li f'dak il-provediment lil Qorti tagħti fir-rigward ta' ġustifikazzjon tal-kontumaċja, li Hi tkun qed tippronunzja ruħha b'mod finali fuq dik il-vertenza u ma tistax wara għal ebda raguni tibdel l-eżitu ta' dak il-pronunżjament tagħha. Kontrarjament meta jingħata digriet interlokutorju il-Qorti tista' sua sponte jew fit-talba tal-partijiet tirrevoka u tibdel dak-istes provediment

Insibu li dan ġie sew spjegat minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl- ismijiet Ronald Micallef et. Vs Subway (Malta)4 fejn intqal li :-

"Illi d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti u li dwarha sar irRikors hija sentenza parzjali u mhux digriet interlokutorju. Fost id-distinzjonijiet ewlenin li jaghrfu l-wahda mill-ohra hemm dik li, kontra dak li jsehh f'sentenza, digriet ma jorbotx lill-Qorti li taghtih [art. 230 tal-Kap 12]: jekk dak li jkun maqtugh ma jistax jigi rivedut minn dik l- istess qorti, allura jitqies bhala sentenza [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Marzu, 1991, fil-kawza fl-ismijiet Sammut noe vs Fenech noe (Kollez. Vol: LXXV.ii.564)];

*Illi decizjoni li biha Qorti tqis li l-imharrek huwa kontumaci ma tistax tigi riveduta minn dik l-istess Qorti;"*

Il-Qorti taqbel għal kollox ma dak premess u tqies kif inhu fil-ġurisprudenza nostrali illi dak li ġie deċiż minnha fl-24 ta' Gunju, 2022 fejn ċaħdet il ġustifikazzjoni tal- kontumaċja ta' Raymond Anastasi kien prunonzjament ta' natura definittiva minn naħa tagħha li tista tiġi reveduta biss mill-Qorti tal-Appell, għalhekk fin-natura ta' sentenza preliminari.

Il-konsegwenza ta' dan, la l-konvenut li ħassu milqut b'dik id-deċiżjoni, kellu jintavola permess ta' appell ai terminu ta' l-artikolu 231(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif fil-fatt sar.

Tqies ukoll li din is-sentenza ġiet moghtija fis-26 ta' Gunju, 2022 u r-rikors biex jintalab il-permess maħsub fl-artikolu 231(1) ġie intavolat fit-30 ta' Gunju, 2022, allura n terminu tas-sitt t'ijiem perentorji maħsuba fil-liġi.

4 9 ta' Jannar, 2002; ċitaz nru 1021/2000/1

Jonqos jiġi kkunsidrat jekk il-Qorti għandhix tikkonċedi tali permess, għalhekk se terġa tagħmel tagħha dak li ntqal fid-deċiżjoni appena ċitata u ċioe':

*"Illi jibqa' l-fatt li l-procedura mfissra fil-proviso tal-artikolu 231(1) tal-Kap 12 hija l-eccezzjoni ghar-regola li l-appell, ukoll minn sentenzi dwar kwestjonijiet maqtugha b'kapi separati, ghandu jsir wara s-sentenza ahharija;*

*Illi l-Qorti qeghda tqis li t-talba mressqa mill-kumpannija rikorrenti ghad-decizjoni ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu, 2001, timmira li taghtiha l-jedd li tikkontesta l-kawza f'din l-istanza wkoll;*

*Illi din il-Qorti, fid-decizjoni taghha jekk thallix lill-kumpannija rikorrenti tappella mid-decizjoni taghha, m'ghandha thares lejn xejn ghajr l-utilita' prattika u l-ekwita' li tippermetti li l-appell isir. Certament li din il-Qorti m'ghandhiex taghmilha hi ta' qorti tal-appell jew li terga' tqis fil-mertu l-konsiderazzjonijiet li hija tkun ghamlet meta tat id- decizjoni taghha impunjjata;*

*Illi, ghalhekk, bosta mill-ilmenti msemmija mill-kumpannija rikorrenti fir-Rikors taghha jmorru lil hinn mill-konsiderazzjonijiet li ghandhom jitqiesu minn din il-Qorti biex jinghata permess li hija tappella;*

*Illi l-Qorti tqis li, kieku t-talba tal-kumpannija rikorrenti kellha tigi michuda, il-kawza tissokta bil-gbir tal-provi, u f'kaz ta' esitu favorevoli ghall-intimati atturi mizzewgin Micallef, il-kumpannija mharrka rikorrenti tkun tista' tressaq appell u, fl ewwel lok, quddiem dik il-Qorti tkun trid tiggustifika l kontumacja taghha;*

*Illi dan ifisser ukoll li, f'kaz li dik il-Qorti ssib li l-kumpannija mharrka kellha jedd tikkontesta l-kawza, kulma jkun sar f'din l istanza jkun irid jerga' jinfetah f'dik l-istanza, u, wisq probabbli, jinstemghu l-provi quddiemha u jintilef b'hekk il-beneficcju tal ezami doppju;*

*Illi din il-konsiderazzjoni wahedha twassal lil din il-Qorti li tqis li t-talba tal-kumpannija konvenuta rikorrenti ma tistax tigi mwarrba ghal kollox, ukoll jekk tintizen bil-kejl tal-pratticita' processwali li timplika;*

*Illi, min-naha l-ohra. jekk kemm-il darba, minn appell moghti lilha f'dan l-istadju, it-talba taghha li tikkontesta l-kontumacja taghha ma tintlaqax mill-Qorti tal-Appell, dak l-episodju ma jkunx jista' jinfetah izjed fi stadju iehor;*

*Illi, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda* ***tilqa' r-rikors talkumpannija rikorrenti*** *mharrka u taghtiha l-fakolta' li tressaq appell mid-decizjoni taghha in parte moghtija fis-6 ta' Marzu, 2001, kif stabilit mil-ligi;"*

**Ftit għandha x'iżid din il-Qorti ma dan ir-ragunament għaqli. Ikun inutli li din il-kawza tiproseġwixxi mod ieħor.**

**Konsegwentement qegħda tilqa t-talba mressqa fir-rikors tal-konvenuti t-tnejn u ai terminu ta' l-artikolu 231(1) tal-Kap 12 tawtorizza lilhom jinterponu appell mid-deċiżjoni in parte tagħha tal-24 ta' Gunju, 2002, b'dan li qegħda ai terminu ta'l-artikolu 243 tal Kap 12 tipprefigi terminu perentorju ta' hmistax -il gurnata biex jiġi interpost dan l-appell inkella jintilef il-jedd li tressaq l-appell .**

**Imħallef**

**Miriam Hayman.**

**Dep.Reg**

**Victor Deguara.**